KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.6.2011
KUMM(2011) 342 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

li jivvaluta l-progress irrapportat mill-Italja lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-irkupru ta' imposta addizzjonali dovuta mill-produtturi tal-ħalib għall-perjodi 1995/96 sal-2001/02

(skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/530/KE)

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

li jivvaluta l-progress irrapportat mill-Italja lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-irkupru
ta' imposta addizzjonali dovuta mill-produtturi tal-ħalib għall-perjodi 1995/96 sal-2001/02

(skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/530/KE)

Dan ir-rapport ta' valutazzjoni qed isir mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/530/KE tas-16 ta' Lulju 2003 dwar il-kompatibbiltà mas-suq komuni tal-għajnuna li r-Repubblika Taljana beħsiebha tagħti lill-produtturi tal-ħalib tagħha [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Skont l-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni, l-għajnuna, li tikkonsisti f'pagament min-naħa tar-Repubblika Taljana nfisha, tal-ammont dovut mill-produtturi tal-ħalib lill-Unjoni b'riżultat tal-imposta addizzjonali fuq il-ħalib għall-perjodu mill-1995/96 sal-2001/02 u billi tippermetti lil dawn il-produtturi jħallsu d-dejn tagħhom fil-forma ta' pagament diferit imqassam fuq għadd ta' snin mingħajr imgħax, hija meqjusa eċċezzjonalment kompatibbli mas-suq komuni, bil-kundizzjoni li:

– il-produtturi jħallsu lura l-ammont kollu, f'pagamenti annwali tal-istess daqs, u

– il-perjodu ta' ripagament ma jaqbiżx l-erbatax-il (14) sena, li jibdew mill-1 ta' Jannar 2004.

Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni, l-għajnuna tingħata biss bil-kundizzjoni li l-Italja tiddikjara l-imposta addizzjonali totali għall-perjodi kkonċernati lill-FAEGG u billi tnaqqas id-dejn li jifdal permezz ta' tliet pagamenti annwali tal-istess daqs min-nefqa ffinanzjata mill-FAEGG għal Novembru 2003, Novembru 2004 u Novembru 2005 rispettivament.

Id-dikjarazzjoni tal-Italja, tal-imposta addizzjonali totali għall-perjodi kkonċernati twettqet kif suppost permezz ta' ittra fis-26 ta' Awwissu 2003.

It-tnaqqisijiet tad-dejn li jifdal saru kif suppost min-nefqa ffinanzjata mill-FAEGG għal Novembru 2003, 2004 u 2005.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti Taljani jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kull sena dwar il-progress li jkunu għamlu fl-irkupru tal-ammont dovut mill-produtturi b'riżultat tal-imposta addizzjonali għall-perjodu mill-1995-96 sal-2001-02.

L-awtoritajiet Taljani ppreżentaw is-sitt rapport tagħhom skont din id-dispożizzjoni lill-Kummissjoni permezz ta' ittra mill-AGEA fil-15 ta' Novembru 2010 li tikkonċerna l-pagament parzjali tal-2009.

Pagament tal-imposta skont il-faċilità tal-pagament parzjali.

Minn total ta' madwar 23,200 produttur li issa jridu jħallsu l-imposta għas-7 perjodi koperti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill, imma li ngħataw ordni mill-qrati nazzjonali biex jitwaqqfu l-pagamenti sakemm tittieħed deċiżjoni finali, 15,384 minnhom għażlu li jħallsu permezz tal-iskema tal-pagament parzjali. L-għażla li jħallsu permezz tal-iskema tal-pagament parzjali fissret li ġew irtirati l-kawżi kollha li kienu għadhom pendenti. Barra minn hekk, jekk produttur jonqos milli jħallas xi wieħed mill-pagamenti parzjali fis-sena jiġi eskluż mill-iskema u, konsegwentament jesponi lill-produtturi għat-teħid tal-ammont totali dovut bl-imgħax.

Il-15,384 produttur parteċipanti kellhom jagħtu madwar EUR 345 miljun bejniethom fl-2004 qabel ma tħallas l-ewwel pagament parzjali, li jirrappreżenta madwar kwart mill-ammont totali tal-imposta dovut fil-livell tal-produtturi. B'hekk jidher li l-maġġoranza tal-produtturi responsabbli għal-livelli aktar baxxi ta' kunsinji individwali eċċessivi għażlu li jidħlu f'din l-iskema. Min-naħa l-oħra, il-produtturi li kellhom kunsinji individwali eċċessivi li kienu aktar sinifikanti (madwar 8000 produttur li nħarġilhom kont minħabba li kienu għadhom iridu jagħtu xi EUR 1 biljun f'imposta dovuta fuq is-seba' perjodi) minflok ippreferew li ma jidħlux fl-iskema ta' pagament parzjali. Madankollu jekk jogħġbok innota li matul l-2009, l-awtoritajiet Taljani laqgħu madwar 58 applikazzjoni ġdida għal pagamenti parzjali, li kienu jammontaw għal bejn wieħed u ieħor EUR 1.7 miljun.

Is-sitt pagament parzjali kellu jitħallas minn 11 502 produttur għal ammont totali ta' EUR 24 501 645.02 miljun qabel il-31 ta' Diċembru 2009. Il-verifiki li twettqu mill-awtoritajiet Taljani juru li matul l-2009, 11 354 produttur ħallsu kif xieraq l-ammonti li t-total tagħhom huwa EUR 23 580 227.82 miljun. Dan ifisser li għas-sitt pagament parzjali, 99 % tal-produtturi ħallsu 96.2 % tal-imposta fil-ħin. Kien ġie irreġistrat li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames pagamenti parzjali kienu saru fil-ħin għal 99.6 %, 97.9 %, 99.5 %, 99.7 % u 96.4 % tal-ammonti dovuti rispettivament. Għalhekk, l-imposta totali miġbura fl-ewwel ħames pagamenti parzjali tammonta għal madwar EUR 151 miljun (madwar 98 % tal-ammont totali dovut).

Filwaqt li dawn il-livelli juru b'mod ċar impenn min-naħa tal-produtturi parteċipanti sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni tqis li l-azzjoni ta' segwitu meħuda f'dawk il-każijiet fejn il-pagament ma sarx fil-limitu taż-żmien stipulat hija sinjal ċar tal-livell ta' impenn min-naħa tal-awtoritajiet sabiex jiżguraw li jitħarsu l-kundizzjonijiet tal-iskema kif suppost u li fl-aħħar nett tinġabar l-imposta kollha dovuta.

Fir-rigward tas-sitt pagament parzjali, il-pagamenti ma ġewx identifikati għall-148 produttur li fadal għal valur ta' EUR 921 417.20.

Għall-ħames perjodu tal-pagament parzjali 166 produttur naqsu milli jagħmlu l-pagament li jikkorispondi għal EUR 908 072.62 sal-aħħar tal-2008. Skont informazzjoni li waslet mill-awtoritajiet Taljani dawn il-każijiet kollha kienu notifikati mill-awtoritajiet ċentrali lill-awtoritajiet reġjonali rilevanti sabiex jiġi infurzat il-pagament tal-ammont sħiħ dovut mar-rata tal-imgħax 'il barra mill-iskema tal-faċilità tal-pagament parzjali.

Mill-166 produttur li għall-ewwel kienu maħsuba li ma ħallsux, wara ntwera li 54 minnhom biss kienu fil-fatt għadhom ma ħallsux. Dan irriżulta fir-revoka tal-possibbiltà biex il-pagament jitħallas b'mod parzjali għal dawn il-produtturi u t-tnedija tal-proċeduri ta' rkupru inforzati.

Imposta dovuti għall-perjodi mill-1995-96 sal-2001-02 li ma ddaħlux fl-iskema tal-pagament parzjali

Saret referenza għall-fatt li l-faċilità tal-pagament parzjali intużat relattivament ftit f'termini tal-ammont ta' imposta imdaħħal. Madwar tliet kwarti tal-ammonti kumplessivi li kien għad fadal mill-imposti mhux imħallsa għall-perjodu konċernat għadhom ma ddaħlux fl-iskema tal-faċilità tal-pagament parzjali. L-imposta li mhix koperta bl-iskema tal-2003 tikkorispondi għal EUR 767 miljun u madwar 91 % ta' dan l-ammont, madwar EUR 701 miljun, qiegħed minflok jiġi kkontestat fil-qrati Taljani.

Fir-rapporti preċedenti ta' valutazzjoni li kienu ppreżentati lill-Kunsill, il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li r-rapporti annwali ppreżentati mill-Italja għandhom jindirizzaw b'mod speċifiku l-kawżi marbuta mas-seba' perjodi konċernati u għandhom jipprovdu dettalji li jikkonfermaw il-pagament min-naħa tal-produtturi li tilfu l-kawża tagħhom fil-qorti. Mingħajr tali indikazzjonijiet il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tagħmel monitoraġġ korrett tal-progress fil-ġbir ta' dik il-parti tal-imposta li ma ddaħħlitx fil-faċilità tal-pagament parzjali.

Madankollu, b'differenza mir-rapport tal-Italja dwar ir-raba' pagament parzjali, ir-rapporti dwar il-ħames u s-sitt pagament attwali ma fihomx informazzjoni dwar dawn il-proċeduri tal-qorti.

Minkejja dan, xi informazzjoni addizzjonali li rċevew l-awtoritajiet Taljani bħala risposta għal talba tal-Kummissjoni turi li l-amministrazzjoni Taljana kienet rebbieħa f'għadd ta' każijiet li jikkorrispondu għal madwar EUR 13 miljun. Il-ġbir reali ta' dawn l-ammonti jikkorispondi għal EUR 6.8 miljun. L-informazzjoni li waslet f'Mejju 2010 tiżvela wkoll li madwar EUR 580 miljun għadhom qed jiġu kkontestati quddiem il-qrati Taljani. F'April 2009, l-Italja adottat liġi li tipprovdi għal sistema ta' rimbors tal-imposti dovuti b'imgħax daqs ir-rata ta' referenza għall-Unjoni miżjuda b'diversi punti perċentwali. F'Lulju 2010, ġie adottat ir-riport tal-pagamenti dovuti b'riżultat ta' din il-liġi. Ġie previst li dan ir-riport jingħata fil-kuntest tal-iskema '*de minimis*'.

Il-Kummissjoni tesprimi dispjaċir kbir li ma sarx biżżejjed progress fil-ġbir tal-parti tal-imposta li ma kenitx iddaħħlet fil-faċilità tal-pagament parzjali u fil-livell ta' informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, li mhuwiex suffiċjenti. Il-progress bil-mod huwa marbut kemm mat-tul tal-proċeduri tal-qorti u, minħabba f'hekk, it-tul tal-irkupru tas-somom fejn il-każijiet tal-qorti tlestew (ir-rapport Taljan dwar is-sitt pagament parzjali ma fihx informazzjoni dwar l-irkupru, iżda informazzjoni preċedenti mressqa bħala tweġieba għal talba tal-Kummissjoni turi li kienu nġabru biss xi EUR 6.8 miljun sal-2010 wara proċeduri tal-qorti li kellhom suċċess). Barra minn hekk, iċ-ċifri li jirrapreżentaw il-ġbir tal-imposta li fil-fatt qatt ma kienet ikkontestata, u għalhekk immedjatament rekuperabbli, jirriflettu nuqqas fil-proċess reali tal-ġbir (madwar EUR 18 miljun minn EUR 66 miljun imposta li qatt ma kienu kkontestati, għadhom ma nġabrux).

Il-Kummissjoni qed tkompli ssegwi mill-qrib il-proċess ta' rkupru fl-Italja, partikolarment l-irkupru tal-imposta li mhijiex koperta mill-iskema tal-faċilità tal-pagament parzjali. F'diversi okkażjonijiet is-servizzi tal-Kummissjoni esprimew l-osservazzjonijiet tagħhom (inkluż ir-rimarki negattivi) lill-awtoritajiet Taljani u talbu informazzjoni dettaljata dwar aspetti differenti li jikkonċernaw l-irkupru tal-imposta tal-ħalib.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tqis li l-progress li sar mill-awtoritajiet Taljani fl-irkupru tal-ammont dovut mill-produtturi li għażlu li jissieħbu fl-iskema tal-pagament parzjali approvata mill-Kunsill fl-2003 għall-perjodi mill-1995-96 sal-2001-02 juri ġestjoni xierqa ta' dan l-irkupru. Madanakollu, il-Kummissjoni tilmenta li, minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni tal-ammonti verament miġbura mill-produtturi parteċipanti li naqsu milli jagħmlu l-pagamenti parzjali u li għalhekk ġew esklużi milli jkomplu jipparteċipaw, mhix f'pożizzjoni li tivvaluta d-diliġenza eżerċitata jew il-progress li sar fil-ġbir tal-imposta korrispondenti. Il-Kummissjoni tqis li huwa indispensabbli li r-rapporti mill-awtoritajiet Taljani fil-ġejjieni jkun fihom biżżejjed informazzjoni dettaljata dwar dan il-ġbir.

Fir-rigward tal-ammonti ta' imposta li ma ddaħħlux fl-iskema tal-pagament parzjali, u li dwarhom hemm kawża għaddejja quddiem il-qrati Taljani, il-Kummissjoni diġà esprimiet, fir-rapport ta' valutazzjoni tagħha ppreżentat lill-Kunsill fl-2010, id-dispjaċir tagħha dwar il-progress estremament bil-mod li qed isir fl-irkupru tal-imposta tal-kwota tal-ħalib u kkunsidrat li l-irkupru tal-imposti b'dan il-mod jeħtieġ li jittejjeb b'mod sinifikanti. Madankollu, iċ-ċifri juru li ma ġewx innutati żviluppi kbar ġodda u l-effikaċja tal-liġi tal-UE f'dan il-każ hija sew il-bogħod milli tinkiseb b'ammont daqshekk kbir ta' imposti li għadhom ma tħallsux fuq perjodu ta' żmien daqshekk twil.

Il-Kummissjoni tistenna li r-rapporti annwali fil-ġejjieni jiddokumentaw l-evoluzzjoni tal-każijiet tal-qorti esperjenzati matul il-perjodi 1995/96 sal-2001/02 u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi finali li jikkonfermaw l-imposta dovuta.